32000R1924

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1924/2000
tal-11 ta' Settembru 2000
li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-għoti ta' rikonoxximent speċifiku ta' organizzazzjonjiet ta' produtturi fis-settur tas-sajd sabiex titjieb il-kwalità tal-prodotti tagħhom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tas-sajd u tal-prodotti ta' l-akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 12(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000, li ħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 [2] u (KEE) Nru 1772/82 [3] b'effett mill-1 ta' Jannar 2001, jipprovdi li jista' jkun hemm rikoxximent speċifiku għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jimplementaw pjan għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti tagħhom. Il-kondizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent speċifiku provduti f'dak ir-Regolament kienu mmodifikati mill-qafas legali ta' qabel u għalhekk huwa xieraq li jsiru regoli dettaljati u jitħassar ir-Regolament eżistenti li hemm fuq dan is-suġġett, jiġifieri ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2636/95 [4].

(2) Hemm bżonn li l-prodotti mill-akwakultura jiġu deskritti, li jieħdu vantaġġ mill-pjan għat-titjib tal-kwalità.

(3) L-informazzjoni li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jridu jagħtu u xi aspetti tal-proċedura tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent, l-irtirar jew ir-rifjut ta' dan minn Membru għandhom jiġu pprovduti.

(4) Il-kondizzjonijiet għall-irtirar jew ir-rifjut ta' rikonoxximent speċifiku għandhom jiġu stipulati.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-prodotti ta' l-akwakultura msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom ikunu dawk il-prodotti deskritti fl-Anness III, paragrafu 2(2)(a), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 [5].

L-Artikolu 2

L-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jridu rikonoxximent speċifiku jridu jagħtu l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-informazzjoni li ġejja:

1. lista tal-prodotti mibjugħa minnhom jew mill-membri tagħhom skond ir-regoli komuni provduti mill-organizzazzjoni u li huma suġġetti għal pjan għat-titjib tal-kwalità tagħhom;

2. dettalji tal-pjan għat-titjib tal-kwalità ta' dawk il-prodotti; il-pjan irid jinkludi bħala minimu d-dettalji li ġejjin:

   — xi ħaġa biex tfakkar l-għanijiet tal-pjan imfissra fuq fuq fl-ewwel żewġ paragrafi ta' l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000,

   — deskrizzjoni tal-miżuri li se jiġu implementati f'kull stadju ta' produzzjoni u bejgħ fis-suq,

   — ġabra fil-qosor ta' l-istudji preparatorji li jenfasizzaw b'mod ċar; il-livell tal-kwalità tal-prodotti involuti, in-nuqqasijiet fis-sistema ta' issa u l-metodi proposti għat-titjib ta' dawn in-nuqqasijiet. Dawn il-metodi għandhom jinkludu tħarriġ u l-applikazzjoni ta' metodi ta' teknika xierqa u għerf fis-settur;

3. sistema permanenti ta' valutazzjoni u verifika sabiex il-pjan jilħaq l-għanijiet tiegħu;

4. l-estimi mbassra għall-implementazzjoni tal-pjan għal tliet snin.

L-Artikolu 3

1. Fi żmien ta' 30 jum wara li jirċievi il-pjan mogħti minn organizzazzjoni ta' produtturi, l-Istat Membru għandu jagħti lill-Kummissjoni kopja shiha tiegħu.

2. Fejn il-Kummissjoni ma taċċettax il-pjan fiż-żmien speċifikat fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, l-Istat Membru ma jistax jirrikonoxxi speċifikatament l-organizzazzjoni ta' produtturi li tat il-pjan. Fejn il-Kummissjoni titlob xi tibdil fil-pjan, l-Istat Membru involut jista' japprova l-pjan u jirrikonoxxi speċifikatament sakemm it-tibdil mitlub ikun sar.

3. L-Istat Membru għandu javża bil-miktub lill-organizzazzjoni ta' produtturi dwar id-deċiżjoni tiegħu mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tmiem taż-żmien speċifikat fl-Artikolu 12(3) ta' Regolament (KE) Nru 104/2000. Fejn ir-rikonoxximent speċifiku ġie rifjutat, għandhom jingħataw raġjunijiet għad-deċiżjoni ta' l-Istat Membru.

4. Fejn l-irtirar tar-rikonoxximent speċifiku hu maħsub, dik l-intenzjoni flimkien mar-raġjunijiet għal din it-tneħħija għandhom jiġu avżati mill-Istat Membru l-organizzazzjoni ta' produtturi għallanqas ġimgħatejn qabel dan l-irtirar.

[1] ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.
[2] ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1.
[3] ĠU L 197, tas-6.7.1982, p. 1.
[4] ĠU L 271, ta' l-14.11.1995, p. 8.
[5] ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.

5. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn fuq kull deċiżjoni ta' rikonoxximent speċifiku, l-irtirar jew rifjut ta' dan u r-raġjunijiet għal kull irtirar jew rifjut.

L-Artikolu 4

1. L-irtirar minn Stat Membru tar-rikonoxximent minn organizzazzjoni ta' produtturi bis-saħħa ta' l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 ifisser wkoll l-irtirar ta' kull rikonoxximent speċifiku mogħti lil dik l-organizzazzjoni ta' produtturi.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw jew jirtiraw ir-rikonoxximent speċifiku fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn organizzazzjoni ta' produtturi tonqos milli tagħti l-Istat Membru l-informazzjoni meħtieġa għall-verifika ta' l-attivitajiet tagħha; jew

(b) fejn organizzazzjoni ta' produtturi tonqos milli taderixxi għall-obbligazzjonijiet tagħha taħt dan ir-Regolament jew l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

3. Ir-rikonoxximent speċifiku jiġi rtirat mal-ewwel b'effet retroattiv fejn l-organizzazzjoni tużaha jew tieħu l-benefiċċji minnha b'mod frawdolenti. F'dawn il-każijiet, kull għajnuna mogħtija taħt l-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 tingħabar lura mill-Istat Membru.

L-Artikolu 5

Ir-Regolament (KE) Nru 2636/95 huwa b'dan mħassar.

L-Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2001

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni